MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 67/2010

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Bryvarc Limited**

Permezz ta' kawza prezentata fis-6 ta' Awwissu 2010 is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' miljun sebgha mija u hamsa u ghoxrin elf mitejn u tmienja u tletin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€1,725,238.71) dovut in kwantu ghal €1,665,255.71 bilanc skond kuntratt ta' self fl-atti tan-nutar Dr Bartholomeo Micallef tal-1 ta' Lulju 2009, u l-ammont ta' €59,983 ammont li gie overdrawn fuq kont kurrenti li jgib in-numru 40018167542. L-attrici talbet ukoll li l-kaz jinstema' bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167A tal-Kap. 12.

Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2010 il-qorti tat lill-kumpannija konvenuta l-opportunita li tiddefendi ruhha,

madankollu baqghet ma pprezentatx risposta guramentata.

Permezz ta' nota prezentata fis-7 ta' Settembru 2010 il-bank iddikjara li ***"…fit-2 ta' Settembru 2010 hija rceviet pagament ta' €800,000 (tmien mitt elef euro) minghand Malta Enterprise bhala garanti tas-socjeta konvenuta u ghalhekk qeghda tirriduci t-talbiet taghha fil-konfront ta' Bryvarc Limited b'dan l-ammont."*** (fol. 33).

Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2010 id-difensur tas-socjeta attrici ddikjara li *"…. t-talba tas-socjeta attrici hi bazata fuq morosita fil-hlas lura tas-self li nghata lis-socjeta konvenuta u f'dan ir-rigward ghamel riferenza ghat-tielet faccata tal-kuntratt ta' self tal-5 ta' Gunju 2009, paragrafu (a) tal-formola ADV27 (dok JD3) u l-ewwel paragrafu tal-parti ntestata repayment tas-sanction letter datata 25 ta' Frar 2009."*.

Jirrizulta li fil-5 ta' Gunju 2009 gie pubblikat kuntratt ta' self fl-atti tan-nutar Dr Bartholomeo Micallef li permezz tieghu s-socjeta attrici tat self lis-socjeta konvenuta fl-ammont ta' miljun u sitt mitt elf ewro (€1,600,000). Is-self inghata ***"to end finance the purchase of new machinery related to the production, printing and personalization of plastic cards to be installed and commissioned."*** (fol. 42). Fil-kuntratt jinghad li:-

a) s-self kellu jithallas fi zmien hames (5) snin.
b) *"the Bank and the Customer agree that if any one of the conditions listed in the attached form ADV27 and marked Document A occurs, then, or at any time thereafter, the Bank may, by notice to the Customer declare the loan to be immediately due and payable, whereupon it shall become so due and payable together with accrued interest thereon and any other amounts then payable under this deed."*.

Kopja tal-formola ADV27 tinsab a fol. 50. F'dan id-dokument jinghad li l-mutwatarju jkun moruz fl-eventwalita li ma jhallasx id-dejn minn zmien ghal zmien kif jinghad

fid-dokumenti li jirregolaw is-self. Fis-*sanction letter* (fol. 42) li nharget mill-Bank of Valletta plc u li bis-sahha taghha nghata s-self lill-kumpannija konvenuta, jinghad li kellhom isiru pagamenti ta’ €26,667 fix-xahar. Mill-provi hu altru milli evidenti li l-kumpannija konvenuta ma onoratx dan l-obbligu kuntrattwali.

Inoltre jirrizulta li Bank of Valletta plc kellha kont kurrenti numru 40018167542 li f’Lulju 2010 kien *overdrawn* bis-somma ta’ disgha u hamsin elf disgha mija u tlieta u tmenin ewro (€59,983).

Fis-seduta tal-lum instema’ bil-gurament Charles Mizzi li kkonferma li:-

(a) Fil-mori tal-kawza l-bank thallas is-somma ta’ tmien mitt elef ewro minghand il-Korporazzjoni ghall-Intraprizi ta’ Malta li kienet garanti solidali;
(b) Illum il-bank ghadu kreditur tal-kumpannija konvenuta fis-somma ta’ disgha mija u tnejn u ghoxrin elf u sitta u tmenin ewro (€922,086) li jinkludi l-imghax sal-ahhar ta’ Settembru 2010, u dan wara li tnaqqset is-somma ta’ €3,444.29 spejjez inkors mill-bank sabiex giet inkarigata kumpannija tas-sigurta sabiex tghasses il-fabbrika fejn hemm il-makkinarju.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa’ t-talbiet tas-socjeta attrici fis-sens li:-**

**1. Tiddikjara li s-socjeta konvenuta hi debitrici tal-Bank of Valletta plc fis-somma ta’ disgha mija u tnejn u ghoxrin elf u sitta u tmenin ewro (€922,086).**

**2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil Bank of Valletta plc is-somma ta’ disgha mija u tnejn u ghoxrin elf u sitta u tmenin ewro (€922,086).**

**Bl-imghax b’effett mill-1 ta’ Ottubru 2010 fuq il-kapital u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------